Kelma tal-Ħajja

OTTUBRU 2023
ĦARĠA 10

movimento tal-fokolari

# "Agħtu lil Ċesari dak li hu ta' ċesari, u lil Alla dak li hu ta' Alla" (*Mt* 22, 21).

Kif Ġesù kien dieħel Ġerusalemm, in-nies bdiet tgħajjat "Bin David". Dan hu titlu rjali li fil-Vanġelu ta' Mattew ifisser Kristu, li ħabbrilna li s-Saltna t'Alla hi fil-qrib.

F'dan il-kuntest, bdiet għaddejja diskursata bejn Ġesù u grupp ta' nies li bdew jagħmlulu xi mistoqsijiet. Uħud minnhom kienu Erodjani, oħrajn Fariżej. Dawn iż-żewġ gruppi ma kenux jaħsbuha l-istess fuq is-setgħa tal-imperatur Ruman. Huma staqsewh jekk kenitx ħaġa sewwa li jħallsu t-taxxa lil Ċesari. Dan għamluh biex iġegħluh jgħid kienx jaqbel jew le mal-ħakma Rumana, biex imbagħad ikunu jistgħu jakkużawh.

Imma Ġesù weġibhom billi qalilhom juruh il-munita tat-taxxa. Billi fuqha kien hemm wiċċ u kitba tal-imperatur, weġibhom hekk:

**"Agħtu lil Ċesari dak li hu ta' ċesari,**
**u lil Alla dak li hu ta' Alla".**

Imma xinhu dak li rridu nagħtu lil ċesari u lil Alla?

Ġesù fakkarhom li Alla jiġi l-ewwel u qabel kollox. Infatti, kif fuq il-munita tat-taxxa kien hemm ix-xbieha tal-imperatur. Bl-istess mod insibu x-xbieha ta' Alla minquxa f'kull bniedem.

L-istess tradizzjoni Lhudija tisħaq li kull bniedem hu xbieha t'Alla[1], billi tuża l-eżempju tax-xbieha li ssib fuq il-muniti: "Meta xi ħadd jagħmel il-muniti mill-istess forma, dawn joħorġu kollha l-istess, imma r-Re tar-rejiet, il-Qaddis imbierek, ħoloq kull bniedem bl-istess forma tal-ewwel bniedem, u l-ebda wieħed ma hu l-istess"[2]. Għalhekk, aħna nistgħu nagħtu lilna nfusna 'l Alla biss, aħna ħlejjaq tiegħu u biss fiH insibu l-libertà u d-dinjità. M'hemm l-ebda setgħa tal-bniedem li tista' tippretendi l-istess fedeltà. Ġesù waħdu, u ħadd ħliefu ma jista' jgħinna nagħtuH il-post li jixraqlu. Għal Ġesù "(...) li tħobb kien ifisser li jwettaq ir-rieda tal-Missier. Lil Missieru, Ġesù tah moħħu, qalbu u l-enerġija kollha tiegħu, saħansitra ħajtu. Hu ngħata kollu kemm hu biex iwettaq il-pjan li l-Missier kellu għaliH. Fil-Vanġelu narawH dejjem b'ħarstu lejn il-Missier. (...) L-istess hu mitlub minna: li nħobbu jfisser nagħmlu r-rieda ta' Alla, nagħmluha kollha kemm hi, bis-saħħa kollha tagħna. [...] B'hekk aħna mitlubin nagħtu kull ma għandna, għax lil Alla rridu nagħtuh kollox, u xejn inqas minn hekk: qalbna kollha, ruħna kollha, moħħna kollu"[3].

**“Agħtu lil Ċesari dak li hu ta’ ċesari, u lil Alla dak li hu ta’ Alla”.**

Kemm-il darba jiġrilna li niltaqgħu ma’ problemi, ma għażliet diffiċli li bihom nistgħu naqgħu fit-tentazzjoni li naraw kif nagħmlu u ninħelsu minnhom f’qasir żmien. Ġesù wkoll sab ruħu quddiem żewġ soluzzjonijiet, imma għaliH is-soluzzjoni kienet waħda ċara: fuq quddiemnett kien hemm il-wasla tas-saltna t’Alla. Issa dan nagħmluh billi nibqgħu nħobbu.

Ta’ min nistaqsu lilna nfusna: qalbna xi trid: il-fama, il-karriera, suċċess fil-ħajja? Nammiraw lil dawk li jissejħu ‘influencers’?

Qegħdin nagħtu lil dawn l-affarijiet l-ewwel post li jixraqlu Alla?

Bit-tweġiba tiegħu lill-Erodjani u l-Fariżej, Ġesù jridna nimxu 'l quddiem billi naraw tassew x’irridu npoġġu fuq quddiem nett fil-ħajja tagħna.

Fil-fond tal-kuxjenza tagħna nistgħu nisimgħu leħen, xi drabi leħen ħelu li ma jagħmilx storbju u li ħsejjes oħra jippruvaw ifixkluh. Imma dan il-leħen ħelu aħna nistgħu nagħrfuh. Din hi t-triq li biha l-ħin kollu nfittxu kif insiru aktar aħwa ta’ xulxin. Din it-triq tinkuraġġina nġeddu dejjem din l-għażla, anki jekk ikollna nimxu kontra l-kurrent.

Din hi ħidma fundamentali biex biha nibnu djalogu ma’ ħaddieħor, biex flimkien insibu tweġibiet tajba għal ħajjitna. Dan ma jfissirx li naħarbu mir-responsabiltajiet persunali tagħna fis-soċjetà, imma li noffru lilna nfusna biex naħdmu għall-ġid ta’ kulħadd.

Dietrich Bonhoeffer kien arrestat u spiċċa maqtul minħabba l-oppożizzjoni tiegħu għan-nażiżmu. Waqt li kien maqful, hekk kiteb lill-għarusa tiegħu: “Fidi li taħrab mid-dinja ma nifhimhiex. Bil-fidi rridu nibqgħu nirreżistu fid-dinja, irridu nibqgħu nħobbu u nibqgħu fidili lejn is-Saltna t’Alla, minkejja s-slaleb kollha li din il-fedeltà ġġibilna. Iż-żwieġ tagħna għandu jkun tweġiba lil Alla li biha ngħidulu iva. Hu għandu jsaħħaħ fina l-kuraġġ biex naħdmu u noħolqu xi ħaġa f’din id-dinja. Wisq nibża’ li dawk l-insara li jimxu fuq sieq waħda fid-dinja, għad jitilgħu fis-sema b’sieq waħda” .

**LETIZIA MAGRI U T-TIM TAL-KELMA TAL-ĦAJJA**

1. Ara. *Ġen* 1, 26.
2. Mishnà Sanhedrin 4, 5.
3. C. Lubich, Kelma tal-Ħajja Ottubru 2002, fil-ktieb, *Parole di Vita*, ta’ Fabio Ciardi (*Opere di Chiara Lubich 5; Città Nuova, Roma 2017*) pġ. 669-670.

**ĊENTRU TAL-MOVIMENT TAL-FOKOLARI**
18, ‘Stellaelise’, Triq il-Ħuttaf, Kappara
T. 21 385 801 | E. focolare.malta@outlook.com

**www.focolaremalta.org**